# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 3046

| | |
|---|---|
| Kaz Nru: 4213/DA | Fil-Kwistjoni tax-Xoghol |
| | bejn |
| | Jorman Lugo Abornoz (Venezuelan Passport Number: 154643579) |
| | u |
| | Acun Medya Ltd. (C-86416) |

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ingusta*

**Chairperson: Dr Deborah Attard LL.D.**

Illum il-Hamis 16 ta’ Jannar, 2025

Dan il-kaz gie riferut quddiem it-Tribunal permezz ta’ nota pprezentata mill-appellanti Jorman Lugo Abornoz fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-5 ta’ Settembru 2023, fejn sostna li l-appellanti huwa cittadin tal-Venezuela u originarjament beda jghati servizz lil kumpanija Diamond MB Productions SRL. Huwa kellu diversi kwistjonijiet ma’ din il-kumpanija u kwistjoni minnhom kien il-fatt illi qatt ma pprovdewh b’kuntratt. Kien ghalhekk illi l-appellant qabbad avukat sabiex jassistieh.

Illi fl-1 ta’ Ottubru 2022 l-appellant gie offrut kuntratt t’impjieg indefinit mal-kumpanija Acun Medya Ltd fejn gie infurmat illi din il-kumpanija kellha x’taqsam mal-kumpanija Diamond MB Productions SRL. Il-kumpanija li ffirma maghha hija rregistrata gewwa Malta f’243/A Tower Road Sliema.

Ma’ din il-kumpanija gie mghoti l-kariga ta’ Game Responsible fir-Repubblika Domenikana fejn kien ukoll residenti. Huwa qal ukoll illi sakemm dam impjegat ma’ Acun Medya Ltd qatt ma applikawlu ghal work permit kif huwa mitlub mill-ligi.

Fis-26 t’April 2023 l-avukat tal-appellant baghat ittra legali lil Human Resources tal-kumpanija Diamond MD Productions SRL u minn dakinhar il-kumpanija Acun Medya Ltd waqfu jhallsuh lill-appellant, biex imbaghad l-impjieg tieghu twaqqaf fid-9 ta’ Mejju 2023 fejn gie infurmat verbalment li ma ghadux impjegat ta’ Acun Medya Ltd peress illi ha azzjoni

legali kontra Diamond MB Productions SRL u din tqieset bhala rizenja awtomatika minn ma' Acun Medya Ltd.

L-appellant isostni illi Acun Medya Ltd naqset milli tipprovdi raguni gustifikata ghat-terminazzjoni tal-impjeg tieghu. Spjega wkoll illi minkejja li baqa jahdem sad-9 ta' Mejju 2023 huwa rcieva paga sal-31 ta' Marzu 2023. Pero wara li fetah claim ma' DIER, Acun Medya Ltd accettaw illi jhallsu sa l-ahhar gurnata li hadem.

Ghaldaqstant l-appellant quddiem dan it-Tribunal talab sabiex it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu tigi ddikjarata bhala wahda ingusta u minghajr raguni valida. Talab ukoll sabiex it-Tribunal jordna wkoll il-hlas tal-ammonti dovuti lilu mill-Ligi wara li ttiehed in konsiderazzjoni din it-tkeccija ngusta u l-fatt li kellu jirriloka f'pajjiz iehor u talab ukoll kumpens xieraq u adegwat skond il-ligi bl-ispejjez kontra l-kumpanija intimata.

Fir-risposta taghha l-kumpanija Acun Medya Ltd qalet illi l-applikant mhux resident Malta u f'ghajnejn il-ligi huwa meqjus bhala persuna assenti minn Malta u mhux legalment pprezentat fiz-zmien meta nbdew il-proceduri u ghalhekk dawn il-proceduri jigu nulli skont l-Artiklu 789(1)(c ) (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kumpanija qalet wkoll illi ghandu jkun assistit minn kuratur waqt il-proceduri.

Il-kumpanija Acun Medya Ltd sostniet illi l-allegazzjoni li t-terminazzjoni hija ngusta, hija nfondata fil-ligi peress illi t-terminazzjoni sehhet fil-kuntest tar-regolamenti applikabbli.

Il-kumpanija Acun Medya Ltd qalet illi l-appellant huwa zbaljat meta qal li kien jirrikjedi work permit kif rikjesta mill-ligi peress illi qatt ma hadem Malta.

Minghajr pregudizzju la darba l-appellant issetilja l-claim li kellu mal-kumpanija, dak li qed jintalab fl-azzjoni legali huwa fattwalment infondat.

Il-partijiet ipprezentaw ukoll nota ta' sottomissjonijiet.

It-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni kollha pprezentati f'dan il-kaz inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet u evalwa l-argumenti mressqa fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari.

It-Tribunal dejjem ipprezenta ruhu bhala Tribunal tal-fatti aktar milli tal-ligi kif ukoll ghandu l-prerogattiva li jaghmel il-proceduri tieghu skont il-Kap 452 Artiklu 78 fejn jistipula li "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regola maghmula jew li huma meqjusa li saru taht dan l-Artiklu, it-Tribunal ghandu jirregola l-procedura tieghu stess. Tkun xi tkun il-procedura wzata, t-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, it-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq kull haga b'dak il-mod li jidhirlu xieraq."

F'dan il-kuntest it-Tribunal jaghmel riferenza ghad-duttrina Lex Specialis derogate Lex Generalis u ssir riferenza ghad-decizjoni Goldvest Co. Ltd vs Attorney General tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 t'April 2001 fejn il-Qorti qalet car illi "mhux biss kien permess illi t-Tribunal jadegwa l-procedura ghac-cirkostanza, fid-deskrizzjoni tieghu, imma wkoll seta jkun obbligat li hekk jaghmel fl-interess tal-Gustizzja biex jghati opportunita shiha ta' kontestazzjoni."

F'din l-istess kawza l-Avukat Generali kien ta risposta li taghmel parti mid-decizjoni u kien qal hekk: "Huwa principju stabbilit illi Tribunali Amministrattivi ghandhom is-setgha li jirregolaw il-proceduri taghhom sabiex jaraw li ssir gustizzja fil-mertu, u ma jaqtghux il-kwistjonijiet li jkollhom quddiemhom fuq bazi ta' teknikalitajiet legali li jservu biss biex jinheba s-sewwa."

Ghaldaqstant wara li evalwa kollox u in vista ta' dawn ic-cirkostanzi, It-Tribunal Industrijali ma jilqax l-eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta ntimata u ghaldaqtant jordna l-prosegwiment tal-kaz billi s-socjeta intimata ssegwi bil-provi.

**Dr Deborah Attard**
**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Ghas-Segretarju**